MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 353/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**MARK SAVIOUR BORG**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Saviour Borg, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 2020980 P.

**Akkuzat talli:**

Nhar il-11 ta` Marzu, 2013, ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta` filghodu (05:45hrs), gewwa ic-**Champs Pastizzeria** fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta` flus u xi oggetti ohra, liema serq hi kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta` George Fenech u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skont il-Ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Katelina Vasileva Marinova kontra l-volonta` taghha;

3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

Iktar, talli nhar il-31 ta` Marzu, 2013, ghal habta tan-nofs siegha ta` filghodu (00:30hrs), gewwa il-**Gelateria Lungomare** fi Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan:

4. Ikkommetta serq ta` flus u portmoni b’xi dokumenti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, li sar ghad-dannu tas-socjeta` **B Outlets Ltd.**, u ta` Chanelle Scicluna u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

5. Bla ordni skont il-Ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiat li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Chanelle Scicluna kontra l-volonta` taghha;

6. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t`arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

Ukoll, talli nhar is-6 t'April 2013, ghal habta tal-hdax ta` filghaxija (23:00hrs), gewwa l-hanut **Eight Till Late** fi Triq Ross, San Giljan:

7. Ikkommetta serq ta` flus, mobile phone top-up vouchers u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-socjeta` **Miller Distributors Ltd**., u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

8. Bla ordni skont il-Kigi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Daniel Thomas Calleja kontra l-volonta` tieghu;

9. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Iktar, talli mhar id-9 t'April, 2013, ghal habta tal-hdax u nofs ta` filghaxija (23:30hrs), fi Triq Dun Mikiel Rua, Sliema:

10. Ikkommetta serq ta` mobile phone tal-marka **HTC**, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta` Olga Shakh u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

11. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Iktar, talli nhar l-190 t'April, 2013, ghal habta tal-ghaxra u nofs ta` filghaxija (22:30hrs), gewwa il-**Gelateria Lungomare** fi Triq Windsor, Sliema:

12. Ikkommetta serq ta` flus u *mobile phone* tal-marka **Nokia Express**, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-socjeta` **Falbra Ltd.**, u Erica Farrugia u/jew ta` xi persuna/i u/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra;

13. Bla ordni skont il-Ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Erica Farrugia kontra l-volonta` taghha;

14. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta` serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, bejn il-11 ta` Marzu, 2013 u l-10 t'April, 2013:

15. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta ta` liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

16. Finalment, akkuzat ukoll, talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, kemm mill-Qrati ta` Malta kif ukoll minn Qrati Inglizi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

**Il-Qorti kkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 49, 50, 86, 87 (1) (e), 261 (1) (a) u (2), 263 (b), 267, 270, 275, 276 (a), 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 6, 51 (7) sub-inciz 7, 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti nonostante dina l-ammissjoni. Minhabba dina l-ammissjoni l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat u dan wara l-istess ammissjoni tieghu. Il-Qorti tapprezza li dawn ir-reati huma dovuti ghal vizzju tad-droga li ghandu l-imputat u tikkummenta li l-istanti ta` serq kienu hafna u sekwenti. Ghaldaqstant temmen illi piena karcerarja hija effettiva, ghandha tinghata lill-imputat u ghalhekk qedgha tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` erba` (4) snin li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien ili huwa dan taht arrest. Il-Qorti kellha intervista mal-imputat u hija impressjonata bil-progress illi huwa qieghed jaghmel fil-fejqan dwar dan il-vizzju tad-droga u tirrakomanda bis-sahha kollha li l-imputat ma jigix interrott f'din il-kura u tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva sabiex isegwu bir-reqqa lill-imputat u jassiguraw ruhhom illi huwa jkompli ghaddej b'dan il-fejqan, u tordna li minn zmien ghal zmien l-istess awtoritajiet tal-Habs jirrapurtaw lill-Qorti dwar il-progress tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat u wkoll qedgha tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjez in genere.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------